# IŻMERIJA

Ta' F. Mangion.

Kien is-Sibt, ma kellix x'nagħmel;
Għidt, "Ħa mmur nara ħabib!"
Ħadt il-lift u nżilt id-dwana.
'Mma 'l Anton ma stajtx insib.

Qgħadt mument madwari nħares:
Baħar sieket, ikħal nir;
Fieragħ, tista' tgħid għal kollox.
Kien dil-ħabta l-Port il-Kbir.

Erġajt lura, qbadt it-trejqa
Li tmur lejn **Victoria Gate:**
Bejn is-sħana u bejn ir-rwejjaħ
Donnu beda jtini l-mejt.

U quddiem il-pixkerija,
Nofs moħbija qalb id-djar,
Rajt il-knisja ċkejkna u ħelwa
Hemm imrekkna barra s-swar.

Dħalt: il-għodwa kienet ġmielha
Resqet lejn in-nofs in-nhar;
U ma kienx hemm ruħ fil-knisja.
Meta nxħett quddiem l-artal.

Ftakart, kif erfajt għajnejja
Lejn l-inkwadru tal-maġġur,
U lejn sitt inkwatri iżgħar
Li ftit tefgħu fil-kulur,

Illi din il-knisja hija
Xhieda ta' l-egħġubijiet
Li l-Madonna ta' Liesse twettaq
Hawn u fl-ibgħad artijiet.

U bil-ħerqa flejt l-inkwatru
Tal-Madonna bil-Bambin,
Ħdejhom anġlu, statwa f'idu,
'L isfel tliet żgħażagħ reqdin:

Kienu t-tlieta kavallieri
Kif stajt nara mis-salib
Jilma fidda fuq sidirhom,
U ftakart minn kemm tiġrib

Kellhom jgħaddu, u f'Iżmerija,
Bint sabiħa tas-sultan,
Li ħarrbithom, u għall-Madonna
Telqet dinha tal-Quran.

Aktar minn erba' mitt sena
Qabel l-Ordni ta' San Ġwann
Wasal Malta, u l-Gran Mastru
L'Isle Adam ħatruh sultan,

L-Ordni ssielet fl-art Imqaddsa
F'Askalon, u l-Kavallieri
Tas-salib abjad it-tlieta
Ġew maqbuda priġunieri.

Kienu ġens Franċiż, in-nobbli
Klawdju, Luċ'du, u Florjan,
Minn Laon fil-Pikkardija,
Issa Isiera tas-Sultan.

"Din il-ħila li 'l-armati
Tiegħi biha tisfidaw
Minn fejn ksibtu?" huwa staqsa,
"Għandkom xi seħer jaqaw?"

Wieġbu t-tliet żgħażagħ Franċiżi
Minn quddiem u qalbenin:
"Tagħna s-saħħa kollha qiegħda
Biss fil-Fidi, fit-twemmin."

Is-sultan imgħaddab għajjat:
"Jien infarrku dat-twemmin
Giddieb tagħkom, u jaqblilkom
Mn'issa ssiru misilmin.

Insew li twelidtu nsara:
Ićħdu l-fidi tas-Salib!
U fl-Eġittu jiena nwiegħdkom
Illi ma tidħlux f'tiġrib;

Imma, bil-maqlub, setgħana
Jien nagħmilkom prinċpijiet,
U b'għarajjes ukoll lilkom
Nagħti lil uliedi bniet."

'Mma quddiem is-sultan l-aħwa
Baqgħu sħaħ fit-twemmin tagħhom;
Għalxejn wiegħed, għalxejn hedded,
U ġo l-eħrex ħabs tefagħhom.

Tassew hu ma riedx joqtolhom,
Nobbli żgħażagħ, fjur il-ġmiel:
Misilmin riedhom isiru,
U jaqduh ta' wlied irġiel.

Bagħat għalhekk lil Iżmerija
Tiegħu l-isbaħ fost il-bniet,
Biex jinsobhom għall-ħsieb tiegħu.
Iżmerija fil-ħabs ġiet:

Xebba sbejħa, xagħarha iswed.
U spallejha avorju fin.
Għajnejn fondi qishom ibħra.
Theġġeġ ġawhar u tiżjin.

Tathom tagħha, u ta' ħutha.
Bl-akbar ħlewwa kull tagħrif:
Kellha żewġt aħwa iżgħar minnha.
U qaltilhom ukoll kif

Kien missierha stess li bagħatha
Li xtaqilhom ġid bis-sħiħ.
U għalkemm tiegħu priġunieri,
Lejhom kellu qima u ġieh.

"Għaliex ma tiċħdux twemminkom?"
"Qatt!" weġbuha l-aħwa lkoll
"Din ir-rabta bejna u Kristu
Ħadd ma jirnexxilu jħoll"

"Imma Kristu abbanunakom."
Qalet hi, "u marbutin
Sibtu ruħkom f'dal-ħabs waħxi
Bogħod minn nieskom, imgħakksin!

"Itilquh lil Kristu tagħkom,
Bħal ma hu telaqkom ġa;
Agħmlu bħall-oħrajn u gawdu
L-ogħla unuri u libertá.

"Idħlu taħt ġwejħajn Mawmettu
Li, b'qabd' Għarab qalbenin,
Rebaħ, tista' tgħid id-dinja,
F'isem Allaħ fi ftit snin,..

"Iva," wieġbu l-aħwa, "żara'
Qirda u odju u xerred dmija:
Kristu d-dinja kollha rebaħ
Jgħajjat paċi u ħbiberija."

Iżmerija mbagħad staqsiethom
jekk kenux ħallew imnikkta
Xi għarusa meta telqu...
Klawdju kiser hawn is-sikta.

Qallha: "Aħna kavallieri,
Nisa għandna waħda biss.
Din l-għarusa għażiża tagħna,
Lilha nħobbu kif imiss".

U hawn ħareġ statwa ċkejkna
Tal- Madonna u l-Bambin.
Iżmerija tħawdet, "Sbejħa",
Qalet, "Sbejħa, min hi din?"

"Din Marija", wieġeb Klawdju,
"Verġni u Omm dan il-Bambin.
Omm Ġesù, Omm Alla." Siktet
Iżmerija dak il-ħin

Ħadet f'idha dik l-immaġni,
Flietha b'ħarsa ta' tmaqdir,
Reġgħet lilhom tatha lura,
U mn'hemm telqet bla tnikkir.

Ma damux liż-żgħażagħ tagħna
Ma karkruhom f'ħabs fil-blat,
Ħabs mudlam, iċarċar l-ilma,
Umdu, jinten, immuffat.

Ma' saqajhom u ma' idejhom
Rabtu ktajjen tal-ħadid:
Bil-kemm setgħu fl-art jitkarkru,
Sabiex jiċċaqalqu ftit,

Sa ħdejn qabda tiben oħxon,
Fejn jimteddu għall-mistrieħ,
Jew ħdejn mejda fejn żir ilma
Bi ftit ħobż imfittet fih.

Ġew il-għases, u bla ħniena,
Lilhom neżżgħu, u sawtuhom,
Sa ma ntilfu; b'mewta kiefra
Wara wkoll bdew ihedduhom.

Dik l-immaġni hekk għal qalbhom
Tal-Madonna u l-Bambin
Ċarrtu minnhom u seħquha
Bi ħruxija t'argużin.

U fiċ-ċfales ta' ċellithom
Lit-tliet żgħażagħ imsejknin
Dawk l-iżbirri mingħajr ħniena
Ħallew sajma u nofs mejtin.

Hekk għaddew jumejn jew tlieta,
U Iżmerija reġgħet ġiet,
Tħeġġeġ ta' l-orjent bil-fwejjaħ
U l-ħarir u d-dehbijiet.

Hi qaltilhom: "Issa naħseb,
Illi tliftu t-taliżman,
Imhejjija sabiex tilqgħu
It-twiddiba tas-sultan."

Imma wieġbu l-aħwa t-tlieta:
"Dik l-immaġni tal-Madonna
Le ma tlifna, għadha f'qalbna,
U nħobbuha daqs kemm konna."

Iżmerija saħnet u għajtet
Li l-immaġni hekk setgħana
Kienet saħħret mhux biss 'l-aħwa,
Imma lilha Mawmettana.

"Din l-immaġni mhix saħħara
Imma 'l-Verġni mqaddsa tfakkar:
Tatek grazzja li tagħrafha,
Għarkubbtejk, u lilha faħħar!"

Hi heddithom illi msawta
Għal mewt jiġu, u mbiċċrin,
Imbagħad ħarbet b'rogħda fuqha,
Tgħid li kienu megħwijin.

U xeħtuhom f'toqba f'torri,
Fejn bil-kemm arja kien hemm,
Fejn id-dawl kemm kemm inemnem,
U sawtuhom sa ma d-demm

Beda jċarċar ma' ġisimhom.
L-għada kmieni mislubin
Kellhom jiġu, u għaddew lejlhom
Jagħmlu l-ħila lil xulxin.

Beda jżernaq, meta semgħu
Il-kanċell il-kbir jissabbat:
Hasbu li sigħathom waslet,
Qalbhom sitta sitta tħabbat

Bdew jitolbu lill-Madonna...
Xħin fil-bieb, fis-siegħa u l-ħin,
Dehret Iżmerija, liebsa
Libsa twila, bla tiżjin;

Wiċċha sfajjar, b'għajnejn ħomor,
Illi xebgħu jxerrdu d-dmugħ:
B'dawl inemnem kixfet wiċċhom;
Huma stejqru, ħadu r-ruħ.

"Intom tgħidu," tniehdet, "illi
Bħala nsara taħfru dejjem:
Aħfru lili wkoll, nitlobkom,
Li ttrattajtkom agħar mill-bhejjem."

"Aħna ġa ħfirnielek," wieġbu,
"Għax twemminna mħabba jrid,
Mhux mibegħda; ħbieb tal-qalb,
Li bħal aħwa jimxu id f'id."

Iżmerija nfexxet f'bikja:
"Sbejħa din il-Fidi tagħkom;
Jien niżżikom ħajr minn qalbi,
Li tiġbruni ridtu magħkom.

"Tabilħaqq, kemm jisgħobbija
Li kissirt, jien, f'ferħ ta' ġenn,
Dik l-istatwa hekk qaddisa
Ta' l-Omm li ma tafx ħlief tħenn!

"Jiena 'l ommi tliftha kmieni,
Li tkun ommi kemm nixtieq:
Inkun tifla ta' Marija,
U oħtkom miexja fl-istess triq!"

L-aqwa xewqa t'Iżmerija
Minn għand l-aħwa kienet din:
Li l-immaġni terġa' tikseb
Tal-Madonna bil-Bambin.

"Intom tgħidu li l-immaġni
Qiegħda f'qalbkom: injam haw',
Haw' stallett biex tonqxuhieli!"
U t-tliet żgħażagħ ingħataw

Għax-xogħol iebes il-lejl kollu:
Ma kenux skulturi u qalbhom
Malajr qatgħu; u għajjiena
Raqdu waqt li kienu f'talbhom.

Meta f'daqqa dawl mill-isbaħ
Xaqq fiċ-ċella, u fil-ħin
Statwa sbejħa u ċkejkna dehret
Tal-Madonna bil-Bambin.

Qabel tlugħ ix-xemx fil-għodu,
Iżmerija fil-ħabs ġiet,
Rat l-istatwa, u lil Marija
Qabdet titlob f'dak is-skiet:

L-akbar ferħ għajnejha fawwar,
L-isbaħ dija wiċċha mliet;
Tabilħaqq saret bħal oħthom.
għall-martirju wkoll hejjiet.

Imma ħin bla waqt staqsiethom
Jekk il-Fidi tgħidilhomx
Biex għalxejn ixerrdu demmhom,
Jew jaħarbu tħallihomx?

Is-Sultan kien taha kull setgħa
Fuq daż-żgħażagħ, u malajr
Hejjiet kull ma jeħtiġilhom
Biex jaħarbu: Iżżu "ħajr".

Hi qaltilhom, "lil Marija,
Itolbuha bl-akbar ħrara;
Magħna nieħdu x-xbieha tagħha,
Biex tħarisna minn kull ħsara.

"Għaliex jien biħsiebni niġi
Sa pajjiżkom. Hawn stennew:
Dalwaqt kellhom jiġu l-għases,
Niġi jien, isimgħu sew:

"Inġib miegħi ħwejjeġ xierqa,
U qaddejja li nafd'hom..."
Meta jroxx id-dlam, fid-dgħajsa
Fuq in-Nil, min se jar'hom?

Harġu siekta minn ġoċ-ċella,
Meta l-lejl kien daħal ġmielu;
Qabdu x-xmara u telgħu magħha
Sa ma fuq l-għadajjar mielu.

Fejn in-Nil jintafa' l-baħar
Il-kbir minn sebat iħluq:
Wita mgħaddar, fejn il-ħarsa
Twassal, ma tarax maħluq.

Imma d-dawl ġdid ta' fil-għodu
Kien ġa jperper fuq in-Nil:
"Is-Sultan iqajjem l-għases
Maż-żerniq minn ngħashom tqil;

"Nistaħbew ġo dan il-masġar
Tal-palm", qalet Iżmerija,
"Aħna għajjiena, ejjew norqdu
Taħt il-ħarsa ta' Marija!"

Ix-xemx ħamra minn ġox-xefaq
Bil-kemm kienet għadha għoliet,
Meta, mkissra mit-tbatija
U t-taqtiq ta' qalb, fis-skiet,

U t-tifwiġ tal-palm imewweġ,
Tħannu u raqdu fis fil-fond:
Raw bħal sħaba tad-deheb nieżla,
U l-istatwa ddawwar tond.

Dik is-sħaba mbagħad bdiet tielgħa
Fl-iżraq safi tas-smewwiet,
Kien jinstama' l-kant ta' l-anġli
U ġwenħajhom f'dak is-skiet.

U huma wkoll ġos-sħaba kienu,
Fl-għoli mwieżna u mbennin,
Sa ma fetħu għajnejhom fl-aħħar,
U madwarhom, mistagħġbin,

Ħarsu, u raw mhux palmi jxejru
F'xatt in-Nil u ramel fin,
'Mma ballut f'kampanja ħadra,
Taħthom baqar u barrin

Jirgħu ġwejda fil-għelieqi;
U 'l hemm minnhom knejjes żgħar,
Mhux il-koppli tal-moskeji,
Imma slaleb, xi kampnar.

Raw mhux nies bi braneż fuqhom,
Raw nies bħalhom imlibbsin;
Nies jitkellmu bil-lsien tagħhom,
U mhux b'ilsna barranin.

"Hawn fejn aħna?" staqsa Klawdju
Lil raħħal li għadda qrib:
"Fil-kampanja Pikkardija,
Dil-belt ta' Laon, ħabib!

U l-kastell li qiegħed tara
Huwa dak ta' Eppe," qal;
"U fih hemm sinjura xwejħa
Tibki l-mewt ta' tlitt itfal."

"Mur għidilha", qallu Klawdju,
"Illi wliedha għadhom ħajjin!
U li ġew biex ta' xjuħitha
Ifarrġulha l-aħħar snin."

Hekk iż-żgħażagħ reġgħu lura,
Mal-Madonna u l-Bambin;
U Iżmerija x'se jsir minnha,
Bint sultan tal-Misilmin?

Iżmerija ġiet imgħammda,
U tat ruħha lill-Madonna:
Saret soru u f'kunvent mietet,
L-isbaħ fost il-ward tal-ġonna.

F'nofs il-masġar telgħet knisja,
U madwarha l-belt ta' Liesse,
Belt li baqgħet hekk magħrufa,
Għall-Mirakli t'għadd bla qies.

Meta ħriġt fil-bieb tal-knisja
U ħarist għal fuq il-Port,
Deherli li qed nilmaħ xini
Jiżloq taħti... 'mma żball mort!

Għaliex żmien il-kavalieri —
Dlonk intbaħt — kien għadda u miet!
X'baqa' mis-sbejħa Iżmerija?
U mill-aħwa? Tifkiriet!

Ġbidt għad-dell, u tlajt it-trejqa
Li tmur lejn **Victoria Gate;**
Dħalt il-Belt dejjem għat-telgħa,
U bil-qajla l-qajla mxejt.